BIRKIRKARA

Minuti tasl-Tmienja u Ghoxrin laqgha tas-Seba Kunsill Lokali Birkirkara li saret b'Urgenza fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2015 fis 6.30pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Is-Sur Michael Fenech Adami (Skuzat) |
| | Is-Sur Kaylocke Buhagiar |
| | Is-Sur Liam Gauci |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt (Skuzata) |
| | Is-Sur Mark George Abdilla (Skuzat) |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Herbert Conti |
| | Is-Sur John Mizzi (Assenti) |
| | Is-Sinjura Marie Claire Zammit |
| | Is-Sur John Borg (Assenti) |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion (Assenti) |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb (Skuzata) |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, l-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sinjura Marie Claire Zammit. Minn naha tal-Kumitati Amministrattivi ta' Fleur-de-Lys Dott. Francesca Zarb kienet skuzata waqt li s-Sur Matthew Mangion tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar kien assenti. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm il-prezenza tal-publiku. Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech.

## 1. Talba

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet it-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti bin-numru 27

Peress li din kienet laqgha b'urgenza biex jinghata t-tender –'Tender for Cleaning and Maintenance of Soft Area (BLC009/2014)' il-minuti tal-laqgha precidenti jigifieri laqgha numru 27 ma' gewx approvati. Dawn ghandhom jigu approvati fil-laqgha tal-kunsill li jmiss li sejra ssir fis-16 ta' Marzu 2015 fis-6.30 p.m.

## 3. Ghotja tat-tender 'Tender for Cleaning and Maintenance of Soft Areas (BLC009/2014)

Il-Kumitat tal-Finanzi, iltaqgha il-Gimgha 6 ta' Marzu 2015 u saret l-evalwazzjoni tat-tenders. Kien hemm hamsa li tefghu t-tender. Dawn kienu s-Sur Charles Gauci, Environmental Landscaping Consortium, WM Environmental, Premier Cleaning Services Ltd u Saviour Mifsud. Irrizulta kif jidher fl-anness '*Adjudication Report* ' li s-Sur Charles Gauci m'ghaddiex mill-prekarjat filwaqt li t-tender tal-Environmental Landscaping Consortium ma kienx komplut. Ghalhekk dawn iz-zewg tenders waqghu. Mit-tlieta l-ohra jekk wiehed juza s-sistema tal-MEAT jsib li l-aktar tender vantaggjuz kien dak tas-Sur Saviour Mifsud. Ghalhekk Ir-rakkomandazjoni tal-Kumitat tal-Finanzi lill-Kunsill kien li dan it-tender ghandu jinghata lis-Sur Saviour Mifsud. Wara li

ttiehed vot mill-membri prezenti irrizulta li kien hemm qbil unanimu, hadd kontra u xejn astensjonijiet. Il-membri prezenti kienu s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, l-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, u s-Sinjura Marie Claire Zammit. Ghalhekk it-tender inghata lis-Sur Saviour Mifsud.

## 8 Gheluq

Il-laqgha spiccat fit-7.20 pm u giet aggornata ghall-nhar it-Tnejn, 16 ta' Marzu 2014 fis-6.30 pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Arthur Pizzuto
Segretarju Ezekuttiv

Joanne Debono Grech
Sindku